# BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 26 ta' Ottubru 2001**

**Rikors numru 12B/96**

**Numru 40**

**Alfred Manduca, Joseph Manduca, Anthony Victor Sant Cassia, Bravo Limited, Josephine Cachia Caruana, Yvonne Sant Cassia, Anne-Louise Ellul Cachia Caruana, Richard Cachia Caruana, Dr. Francis Lanfranco ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti Chiara Damant mart Stephen u ta' John Sant Cassia, Anthony Sant Cassia f'ismu u f'isem l-assenti ohtu Carmen maghrufa bhala Lina Sant Cassia, u l-assenti Susan Meadows, Anne Hynds u Stephen Sant Cassia, Edward Cachia Caruana, Mary Gatt, John Gatt, Dr Peter Caruana Galizia ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti Alfred Zawadski, Fenech Group Company Limited, Beaumont Estates Limited, Anthony u Marianne konjugi Cardona, Christef Company Limited, S.O.C. & K. Company Limited and Ruggier Holdings Company Limited, Ruggier Investments Company Limited u Cardona Holdings Limited**

**vs**

**Philip Vella u martu Tessie ghal kull interess li jista jkollha u b'digriet tat-23 ta' Jannar 1998 Angelo Vella gie kjamat in kawza.**

Il-Bord,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ippremetttew illi huma jipposjedu raba maghruf bhala tal-Hamri limiti tal-Qrendi tal-kejl superficjali ta' cirka 5622mk tmiss mit-Tramuntana ma Triq li taghti ghas-Siggiewi, mil-majistral in parti ma beni ta' Giorgio Mamo u in parti ma beni ta' Pinu Farrugia u mil-Ibic ma beni ta' Grezzju Falzon u mix-Xlokk in parti ma Triq Santa Katarina u in parti ma propjeta ohra tar-rikorrenti liema raba huma immarkat bl-ahmar fuq l-iskizz anness mar-rikors (Dok A) liema raba kien mqabbel lill Giuseppi Vella versu l-Qbiela ta' Lm3.45 tlett figuri imhassra u mibdula b'Lm5.1c3m skond digriet tal-Qorti tat-23 ta' Jannar 1998 fis-sena jithallsu kull 15 ta' Awissu u li wara nqaleb ghal fuq l-intimat, bin l-istess Giuseppe Vella.

Illi r-raba msemmi huwa fabrikabbli u l-esponenti ghandhom bzonn l-imsemmija propjeta sabiex jibnuha u ghalhekk a tenur tal-Art 2(b) tal-Kap 199 ghandhom dritt jitolbu ir-ripresa tal-istess propjeta.

Talbu sabiex dan l-Bord joghgbu jawtorizzhom jirriprendu l-pussess tal fuq imsemmija proprjeta u konsegwentement tordna l-izgumbrament tal-intimati mill-istess proprjeta fi zmien qasir u

perentorju li jigi lilhom prefiss u kif wkoll tillikwida l-kumpens xieraq li talvolta jista jigi dovut lill-istess intimati.

Ra r-risposta tal-intimati (fol 5 u 6 tal-atti) li biha esponew bir-rispett:

1. Fl-ewwel lok il-gudizzju ma huwiex integru billi hemm sidien ohra tar-raba' de quo. Fil-fatt parti minn dan ir-raba' jappartjeni lill-eredita' ta' Theuma Castelletti u l-qbiela kollu huwa hames liri Maltija (Lm5) fis-sena li Lm1-56 jithallsu lil din l-ahhar imsemmija eredita' u l-kumplament presumibiliment lir-rikorrenti;

2. Fit-tieni lok l-intimata Tessie Vella ma ticcentrax f'dan ir-raba billi din intirtet minn zewgha l-intimat Philip u s-sitt hutu l-ohra qua eredi ta' missierhom. Fil-fatt l-ghalqa tinhadem bejn dan l-intimat u huh Anglu;

3. Fil-mertu r-rikorrenti jridu jaghtu prova tal-permessi tal-bini billi jekk dawn ma humiex disponibbli allura l-azzjoni hi intempestiva;

4. Inoltre huma ghandhom jispecifikaw fuq liema porzjoni minn dan ir-raba ghandhom il-permess tal-bini relattiv biex f'dan il-kaz jigi applikat il-beneficju ai termini tal-Artikolu 4(3) tal-Att XVI tal-1967.

5. Illi bla pregudizzju l-kumpens talvolta dovuta hu dak stabbilit fl-Artikolu 4 (5) tal-Att precitat.

Ra d-digriet moghti fit-8 ta' Lulju 1996 a fol 8 u 9 tal-istess atti.

Ra d-digriet ulterjuri moghti fit-23 ta' Jannar 1998 u li permezz tieghu gie kjamat in kawza Angelo Vella (a fol 38 tal-atti) oltre li gie korrett l-ammont tal-qbiela kif specifikat fl-istess digriet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi l-provi prodotti rilevanti ghal dak mitlub fir-rikors in esami huma kif ser jinghad:

1) Dok AM1 a fol 19 u 20 tal-atti ossija vera kopja tal-permess imsemmi fl-istess rikors u Dok AM 2 ossija l-pjanta tal-art in kwistjoni (ara ukoll ix-xhieda ta' Alfred Manduca a fol 16 tal-atti).

2) Ix-xhieda tal-Avukat Dottor Peter Borg Costanzi (ara l-affidavit a fol 11 tal-atti) "qua" amministratur ta' "Manduca Estate". Dan

specifika li l-qbiela in kwistjoni kienet registrata fuq Giuseppe Vella li miet fl-10 ta' Marzu 1998 u li successivament l-istess qbiela fuq l-art imsemmija fir-rikors bdiet tithallas minn Philip Vella bl-ahhar skadenza li thallset tkun tal-15 ta' Awissu 1995.

3) Dik ta' Joseph Oliver Ruggier (fol 14 u 15 tal-istess atti) dwar l-akkwist ta' sehem l-istess art appartenenti lil familja Theuma Castelletti (ara ukoll l-att pubbliku bid-data tal-4 ta' Awissu 1995 u a fol 41 tal-istess atti).

4) Fotokopji ta' ircevuti esebiti mill-istess intimat, Philip Vella, liema ircevuti kienu gew rilaxxati in konnessjoni mal-hlas tal-qbiela fuq l-art in kwistjoni, lill-proprjetarji.

5) Ix-xhieda tal-kjamat in kawza Angelo Vella (fol 65 sa 67 tal-atti) principalment dwar il-hlas tal-istess qbiela.

Ikkunsidra

Illi, wara digriet (a fol 24 tal-atti) li bih gew nominati l-membri teknici ta' dan il-Bord l-istess Periti ssottomettew ir-rapport taghhom skond kif jidher a fol 70 tal-atti.  Mill-istess rapport jidher li l-kumpens dovut skond l-artikolu 4 (5) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta

b’referenza ghall-artikolu 4 (2) (b) tal-istess ligi, jammonta ghal Lm738.

Ikkunsidra

Illi, mill-premess, jidher li, f’dan il-kaz, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti stante li gie pruvat dak stipulat fl-artikolu 4(2) (b) gja citat in rigward l-art kollha indikata fl-avviz in rigward liema art gie pruvat it-titolu tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jilqa t-talbiet tar-rikorrenti u:

(1) jawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-art ossija raba’ maghruf bhala tal-Hamri fil-limiti tal-Qrendi aventi il-kejl superficjali ta’ cirka 5622mk ossija hamest itmiem u skond kif murija fuq il-pjanta markata Dok AM2 a fol 21 tal-atti liema pjanta ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza;

(2) jordna lill-intimat u lill-kjamat in kawza sabiex jizgombraw mill-istess art ossija raba sal-15 ta’ Awissu 2002;

(3) jillikwida l-ammont ta' kumpens dovut, u li ghandu jithallas mir-rikorrenti lill-istess intimat u kjamat in kawza, fis-somma ta' Lm738.00,0. L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Deputat Registratur.